**Għeluq il-Mitejn Sena mill-Qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi**




Din il-Munita Kommemorattiva tal-Fidda kienet inħarġet sabiex tfakkar għeluq il-mitejn sena mill-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. In-naħa ta' quddiem ta' din il-munita turi l-Arma tar-Repubblika ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 1998. Fuq in-naħa ta' l-irġejjen jidher id-disinn ta' wara ta' midalja tad-deheb li, fid-9 ta' Frar 1801, Sir Alexander Ball kien ippreżenta lill-mexxejja Maltin tal-qawmien kontra l-Franċiżi fl-1798: din il-midalja ġġib il-kitba "Patria Liberata" li tfisser "Art Twelidna Meħlusa". Din il-munita, li kienet valuta legali f'Malta sal-31 ta' Jannar 2008, inħadmet fir-*Royal Mint*, fir-Renju Unit. Id-disinn tal-munita sar mill-artist Malti s-Sur Noel Galea Bason.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 1,500 |